# Delizzji u Passatempi

CHRISTOPHER BARTOLO - Sagristan

Mill-bidu tal-eżistenza tiegħu, il-bniedem dejjem kellu l-mod u l-ideat ta' kif jaħdem u jistinka sabiex jaqla' l-għajxien għalih u għall-familja tiegħu. Meta nħarsu lejn żminijiet bikrija, naraw dokumentarji u ritratti tal-imgħoddi fejn juruna kif missirijietna kienu jagħmlu xogħlijiet differenti biex imantnu l-familji tagħhom. Naraw li ġensna jaħdem l-art, iħawwel is-siġar u x-xtieli, jiżra' kull tip ta' żerriegħa sabiex, meta jkun il-waqt, jinqata' l-frott u l-prodotti agrikoli oħra li jservu bħala ikel. Tara wkoll xeni ta' nies jibnu djar u kull tip ta' bini ieħor, bħal ngħidu aħna rziezet, fiċ-ċentru tal-belt jew raħal f'Malta. Imbagħad, tiltaqa' wkoll ma ritratti ta' nies jibnu xi knisja jew kappella f'xi post fejn għad ma jkunx hemm bini, pereżempju f'nofs għalqa jew qrib ta' xi rdum, bħal dik il-kappella ddedikata lill-Kunċizzjoni li għandna aħna fil-ponta tal-Aħrax. Naraw ukoll xeni ta' bejjiegħa bit-tilari jew qfief apposta jbiegħu kull tip ta' affarijiet, bħal ngħidu aħna, pitrolju, bigilla, ħelu u qagħaq tal-ħmira, kappar u affarijiet oħra bżonjużi għall-ħajja ta' kuljum.

**Delizzji wara x-xogħol**

Minkejja li x-xogħol ta' dari kien fih tbatija u n-nies kienu ġeneralment jaħdmu minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, xorta waħda n-nies tax-xogħol kienu jsibu mezz kif iqattgħu dak il-ftit ħin ta' rikreazzjoni u divertiment. Wieħed minn dawn id-delizzji kien li grupp żgħir ta' rġiel kienu jingħaqdu u kienu jintefgħu jdoqqu strumenti mużikali bħal orgni, flawt, żafżafa u tamburell li flimkien kienu joħolqu mużika sempliċi li però kienet tkun tal-widna u tagħti gost lil kull min kien jinġabar biex jismagħhom. F'dawk iż-żminijiet, kien ikollok ċans tisma' ftit mużika f'xi festa jew okkażjoni speċjali. Kien propju f'dawk iż-żminijiet meta bdew jitwaqqfu l-ewwel baned f'Malta u Għawdex, inkluż fir-raħal tagħna. L-għan prinċipali tal-baned kien li dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem u jdoqqu fil-festi titulari tal-irħula tagħna. Fil-Mellieħa, missirijietna ħasbu sabiex ikollna żewġ baned li żgur kienu u għadhom iferrħuna sal-lum bid-daqq tal-marċi u xogħlijiet mużikali oħra ta' diversi kompożituri Maltin u barranin.

Delizzju ieħor interessanti huwa l-bini ta' presepji bil-karti u pasturi magħmulin mit-tafal. Kont tara wkoll dilettanti jagħmlu minjaturi ta' statwi tal-Madonna u Qaddisin oħra, kif ukoll mudelli ta' knejjes parrokkjali u kappelli żgħar minquxin fil-ġebel jew maħdumin bl-injam. Kont titpaxxa tarahom u kienu verament ikunu biċċiet ta' arti li jsaħħru lil kulħadd.

Delizzju ieħor li nixtieq insemmi u li normalment kien isir min-nisa huwa dak tal-bizzilla, tat-tapezzerija, ganutel u xogħol tas-suf ta' nagħaġ. Huwa interessanti l-fatt li dan ix-xogħol baqa' jintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra għalkemm, sfortunatament, dawn id-delizzji qegħdin jonqsu.

**Delizzji ta' żmienna**

Minkejja li l-ġenerazzjoni ta' żmienna hija differenti minn dik ta' qabilna fl-ideat u l-mod ta' għajxien, xorta waħda żammet ċerti tradizzjonijiet u baqgħet iżżomm uħud minn dawk id-delizzji u passatempi li kellhom dawk ta' qabilna. Il-fatti juru li minkejja l-ħajja mgħaġġla u minn xogħol għal ieħor biex ikun jista' jgħix ħajja komda, il-bniedem xorta waħda jara kif ikun jista' jirrikrea ruħu.

Hekk naraw li wara ġurnata xogħol, ħafna nies joħorġu mal-familji tagħhom. Nhar ta' Ħadd ħafna nies iqattgħu l-ġurnata mal-familji jew jagħmlu xi mixja fil-kampanja u fis-sajf iqattgħuha ħdejn il-baħar. Oħrajn jippreferu joħorġu u jqattgħu l-lejla f'xi bar jew ristorant jisimgħu xi ftit mużika li tirrilassahom u toffrilhom ftit ħin ta' mistrieħ waqt li tnessihom mir-rutina ta' kuljum. Iż-żgħażagħ imbagħad tarahom irrikrejaw irwieħhom jilagħbu xi logħba bil-ballun u anke jiżfnu mad-





daqq taql-mużika moderna f'xi waħda mid-diskoteki li għandna f'Malta u Għawdex.

**Delizzji Melleħin**

Id-delizzji fost il-Melleħin ma jonqsux. Għall-grazzja t'Alla, il-poplu Mellieħi huwa poplu bieżel u jaf jaħdem, però huwa poplu li jaf jiddeverti wkoll. Il-Melleħin minn dejjem kellhom il-passatempi tagħhom, però fi żmienna nista' ngħid li dawn żdiedu u żdiedu sew. Fil-fatt insibu għadd ġmielu ta' għaqdiet u gruppi li jaħdmu sabiex fihom jiġbru lil dawk li jkunu jridu jirrikreaw ftit irwieħhom. Hekk pereżempju nsibu tliet għaqdiet fejn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jqatgħu ftit ħin ta' rikreazzjoni u fl-istess ħin jitgħallmu l-mużika u xi strument tal-għażla tagħhom. Għandna wkoll għaqda sportiva li fiha tilqa' lil dawk li jkunu jridu jirrikkreaw irwieħhom b'mod sportiv. Fil-Mellieħa ma jonqsux għaqdiet li jiġbru fihom lil dawk li jħobbu l-arti, xogħol tal-id u xogħol tal-artiġġjanat. Wieħed jista' jsemmi wkoll il-Grupp tal-Qniepen fejn fih jiltaqgħu irġiel u żgħażagħ dilettanti fid-daqq tal-qniepen. Il-Grupp tan-Nar u l-Grupp tal-Armar huma żewġ gruppi fejn fihom jiltaqgħu dawk li jħobbu x-xogħol tan-nar u l-armar għall-festi li jsiru fir-raħal tagħna. Insibu gruppi ta' nisa li jipprattikaw il-passatempi tagħhom bħal ngħidu aħna, xogħol tal-ganċ, ganutel, xogħol fuq il-parċmina u ħafna passatempi oħra.

Hawnhekk nixtieq inrodd ħajr lis-Sindku s-Sur Robert Cutajar u lill-Kunsilliera, li tassew japprezzaw dawn l-għaqdiet u gruppi li jiġbru fihom nies li jipprattikaw xi delizzju.

**Delizzji tiegħi personali**

Fejn jidħlu delizzji, jien għandi erbgħa li huma tant għal qalbi. Huma differenti minn xulxin u nsibhom jirrilassawni ħafna. Meta kont għadni tifel u anke żagħżugħ, kont nieħu gost nirreċta ħafna. Meta kont l-iskola primarja, dejjem kont nieħu sehem fir-reċti li kienu jsiru fl-iskola għal żmien il-Milied. Imbagħad meta kont f'dik sekondarja, kemm-il darba ntgħażilt sabiex nieħu sehem f'kompetizzjonijiet li kienu jkunu organizzati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni bl-isem ta' *Drama Festival*. Meta ħriġt mill-iskola waqqaft il-*Mellieħa Youth Dramatic Company* fejn fiha flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ konna nagħmlu r-reċti għal żmien il-Milied, il-Ġimgħa l-Kbira u Jum l-Omm. Imbagħad aktar tard kont nagħti kontribut lill-għaqdiet teatrali Melleħin.

Delizzju ieħor ferm għal qalbi huwa s-smigħ tal-mużika. It-tip ta' mużika li l-iktar inħobb nisma' waqt il-ħin liberu tiegħi hija dik klassika, operistika u sagra. Togħġobni ħafna wkoll il-mużika fejn jidħlu oratorji u mużika komposta minn kompożituri u surmastrijiet Maltin, bħal pereżempju, marċijiet li nisimgħu fil-festi tagħna. Ma nitlifx l-okkażjoni li nisma' iż-żewġ Innijiet imprezzabbli li jindaqqu miż-żewġ baned tagħna fil-festa tal-Bambina. Huma Innijet li lili jaffaxxinanwni kemm bil-kliem kif ukoll bil-mużika li fihom.

It-tpinġija u l-pittura huma delizzji oħra li nħosshom jirrilassawni ħafna. Kull meta nsib ftit ħin ma jonqosx li naqbad il-pinzell u ftit kuluri u fuq it-tila npitter dak li jkun għaddej minn moħħi dak il-ħin. Però ġieli naqbad ritratti meħudin minn attivitajiet reliġjużi li jkunu saru fil-Mellieħa u naqbad inpittirhom fuq biċċa tila. Bħalissa jiġuni f'moħħi l-pittura ta' purċissjoni bil-fratelli, l-abbatini u s-saċerdoti għaddejjin minn taħt l-ark tas-Santwarju, pitturi t'arranġamenti ta' fjuri, pittura tal-faċċata tal-knisja parrokkjali u pitturi sagri oħra. Ikolli nistqarr li ħafna minn dawn il-pitturi, bħal dik tal-purċissjoni, jfakkruni fiż-żmien ta' meta kont żgħir u l-ġenituri kieu jeħduni fil-bitħa tas-Santwarju biex nieħdu sehem fil-purċissjonijiet li kienu jsiru f'festi partikolari.

Però l-iktar delizzju għal qalbi huwa dak tal-arranġamenti tal-fjuri. Minn tfuliti, kont inkun dejjem ma' missieri li kien jgħin fil-knisja tal-Mellieħa. Dan ifisser li kont inkun ta' sikwit il-knisja. Wara li nagħmlu viżta lil Ġesù Sagramentat, missieri kien jaqbad jirranġa s-siġġijiet u xi bżonnijiet oħra. Jien kont noqgħod nosserva x'kien ikun qiegħed jagħmel missieri. Waħda mill-affarijiet li kont nagħti kas ħafna tagħha, kienet l-irranġar tal-fjuri fuq l-Artal Maġġur. Meta bdejt nikber, u fl-1 ta' Diċembru 1970 missieri Lippu ġie maħtur sagristan tal-knisja parrokkjali, kien ikolli iktar ċans immur ngħinu f'din il-ħidma, u ngħid il-verità, kien l-għors tiegħi nirranġa l-fjuri fil-vażuni li kienu jitpoġġew fuq l-Artal Maġġur. Kont verament nieħu gost nagħmlu dan ix-xogħol. Niftakar dak iż-żmien, fil-Ġimgħa Mqaddsa, is-Sepulkru kien jiġi armat mir-residenti li kienu joqogħdu Santa Maria Estate. Peress li dawn kienu biddlu s-sistema ta' kif isir l-irranġar tal-fjuri tas-Sepulkru, jien kont bdejt ninteressa ruħi aktar.

Fil-fatt, dawn flok važuni kienu bdew jużaw *oasis* imxarrba u jpoġġu l-fjuri ġo fihom. Imbagħad kienu jpoġġuhom fuq stands apposta taċ-ċaqquf. Dan l-istil ġdid kien intgħoġob u apprezzat ħafna mill-komunità Mellehija u fil-fatt baqa' jintuża għal ħafna snin.

Meta fis-sena 1976 jien kont ġejt maħtur sagristan, il-Kappillan Schembri mill-ewwel kien inkoraġġieni biex nibda nieħu ħsieb l-arranġamenti tal-fjuri li kien ikun hemm bżonn filknisja f'kull okkażjoni. Għalkemm xi ftit esperjenza kelli, irrid nistqarr li għal dik ir-responsabbiltà kelli bżonn niskopri tekniki u ideat ġodda. Barra fl-attivitajiet tal-knisja parrokkjali u s-Santwarju, kelli okkażjonijiet fejn ġejt mogħti l-inkarigu biex nieħu ħsieb l-arranġamenti tal-fjuri f'attivitajiet organizzati mis-soċjetajiet u għaqdiet Melleħin.

**Għeluq u ringrazzjament**

Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-President u l-Kumitat tas-Società Filarmonica La Vittoria talli reġa' għoġobhom jistednuni sabiex nikteb dan l-artiklu. Imbagħad irrid nirringrazzjahom ukoll ta' kemm-il darba din is-soċjetà stednitni sabiex nagħmel id-dekorazzjonijiet bil-fjuri f'ħafna mill-okkażjonijiet u anniversarji li kellha. Fost dawn l-okkażjonijiet nixtieq insemmi l-wirja taċ-ċenaklu li ssir fil-Ġimgħa Mqaddsa għaliex minkejja li nkun imħabbat ħafna f'dak iż-żmien, nistqarr li jkolli ċans li nesprimi d-delizzju tiegħi tal-arranġamenti tal-fjuri bil-libertà u b'arranġamenti oriġinali. L-aħħar ringrazzjament nixtieq nagħmlu għar-rispett, għajnuna u koperazzjoni li dejjem sibt mill-ewwel ġranet tiegħi bħala sagristan. Din l-okkażjoni fakkritni meta l-President, il-Perit Cam Lino Spiteri u s-Segretarju, s-Sur Louis Bartolo kienu ġew il-knisja jifirħuli u jawgurawli għall-ħatra tiegħi u niftakar ċar il-kliem li kienu qaluli sabiex jinkuraġġuni nkun sagristan ta' kulħadd u ta' għajnuna għal kull soċjetà u għaqda li għandna fir-raħal tagħna. Kienu kliem ta' kuraġġ kbir għalija. Dejjem bqajt u għadni niftakarhom u nipprattikahom



mill-aħjar li nista'. Matul dawn l-aħħar l-34 sena bħala sagristan dejjem wettaqt il-ħidma tiegħi fuq dawk il-kliem li kienu qaluli dawk iż-żewġt irġiel ħbieb u għaqlin. Meta s-servizz li tkun qiegħed tagħti, tagħmlu minn qalbek u timxi ma' kulħadd l-istess, ikollok is-sodisfazzjon li kulħadd ikun apprezza dak li tkun għamilt.


VENTURA GARAGE

Private Buses for Hire

*Prop. Ant. Grima*

'Yanika Hse', No. 2, St. Luke Str.,
Mellieħa

Tel: 2152 0165 - 9952 0165